***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Hamis, 8 ta' Novembru 2018.**

**Rikors Numru: 1698/2018/1/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1698/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Louis u Alberta mizzewgin Pace (K.I. numri 871952(M) u 810052(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentata mill-Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) datat 19 ta' Ottubru 2018 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari:

a) Il-*flat* internament immarkat bin-numru wiehed (1) li jinsab fit-tieni sular (1st *floor*) fuq in-naha tax-xellug inti u thares lejn il-blokk, formanti parti minn blokk t'appartamenti bla numru u jismu Howard Flats go Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, konfinanti il-blokk kollu mil-Lvant u mill-Grigal mal-imsemmija Triq, mix-Xlokk ma' beni tal-aventi kawza tal-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat Malta u mill-Majjistral mal-beni tal-kumpanija Josmar Limited, bil-komunjoni tal-partijiet komuni kollha tal-blokk fosthom l-entrata, it-tarag, il-pjanijiet, it-tromba tat-tarag, id-*drains* u d-drenagg u l-bejt bil-pertinenzi kollha tieghu kif suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€27.95);

b) Il-garaxx bin-numru disgha u ghoxrin (29), fi Triq Sant Antnin, Marsa;

c) In-nofs indiviz ta' garaxx numru dsatax (19) fi Triq Zimelli, Hamrun, kif soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' sitt ewro u tmienja u disghin centezmu (€6.89) ghaz-zmien li fadal minn mija u hamsin (150) sena li bdew jiddekorru minn Dicembru 1933;

d) Il-mezzanin numru mija u sitta (106) maghruf bhala "Marcar", fi Triq ix-Xintill, Tarxien, u dan peress:-

1. Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 21 ta' Dicembru 1999 (Dok "A"), l-intimati ddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmin mija u hdax-il elf, tmin mija u hamsa u tletin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€811,835.54).

2. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

3. Illi d-debitu tal-intimati llum jammonta ghal zewg miljuni, sitta u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€2,026,786.36) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2018 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").

4. Illi, jekk l-intimati jghaddu biex tittrasferixxi l-immobbli fuq imsemmi, il-kreditu tal-esponenti ser jigi eluz.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzioni in kwistioni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tat-23 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-8 ta' Novembru 2018, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis 8 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Dominic Cassar ghall-Bank attur rapprezentat fl-Awla minn Rose Cortis. Deher Dr Kris Borg ghall-intimat prezenti fl-Awla, li ta ruhu b'notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni f'ismu u f'isem martu. Dr Borg ghamel referenza ghar-risposta tieghu fl-atti tal-mandat 1697/2018/LSO fuq il-lista tal-lum, u ddikjara li qed iressaq l-istess risposta wkoll fl-atti tal-mandat odjern. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**Ikkonsidrat** li permezz tar-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fl-1 ta' Novembru 2018, fl-atti tal-mandat 1697/2018/LSO l-istess intimata f'dawk l-atti, Mexico Garaghe Rent-A-Car Company Limited iddikjarat li mhix qed toggezzjona ghat-talba filwaqt li, ghalkemm taqbel li hija debtrici tal-Bank rikorrent f'ammont in eccess ta'

€11,646.86, ma taqbilx li l-kreditu tal-Bank jammonta ghas-somma likwidata ghall-fini tal-mandat.

Illi kif gie vverbalizzat *seduta stante*, l-intimati odjerni qed jwiegbu f'dan is-sens ghat-talba maghmula kontrihom.

Illi rat li l-Bank esebixxa abbozz shih tan-nota ta' Iskrizzjoni skont il-Ligi;

Rat ukoll li l-mandat inhareg skont ir-rekwiziti tal-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## II. DECIDE

Ghaldaqstant *in visto* tar-risposta tal-intimati, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi fir-rigward tal-proprjetajiet deskritti fir-rikors.

L-ispejjez huma a karigu tal-intimati.

**Degretat**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**8 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Novembru 2018**